MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tad-29 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 1791/2000/1

**Vincent E. Ciliberti bħala Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, Amministratur ta' l-Entijiet Ekklesjastiċi Djoċesani kollha ta' Malta; u b'nota tat-3 ta' Novembru 2006 l-Avukat Michelle Tabone bħala l-Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof assumiet l-atti tal-kawża**

**v.**

**Marianna u Lorenza Spiteri; u b'dikriet tas-26 ta' Ġunju 2007, wara l-mewt ta' Lorenza Spiteri, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Marianna Spiteri**

**Il-Qorti:**

Dan huwa appell ta’ l-attur minn sentenza mogħtija fis-27 ta’ Frar 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili li ċaħdet talba ta’ l-attur biex tgħid illi l-Knisja jew Kappella magħrufa bħala *Tas-Sinjura*, dedikata lis-Sinjura Sultana tal-Qalb Imqaddsa ta’ Ġesù, hija proprjetà ekkleżjastika ta’ ġuspatronat lajkali.

L-attur appellant kien fisser illi fost il-knejjes djoċesani ta’ Malta taħt il-ġurisdizzjoni ta’ Monsinjur Arċisqof hemm il-Knisja jew Kappella dedikata lis-Sinjura Sultana tal-Qalb Imqaddsa ta’ Ġesù, magħrufa bħala *Tas-Sinjura*, li qiegħda fi Triq il-Madonna tal-Ħniena, iż-Żejtun. Din il-Knisja hija enti ekkleżjastiku ta’ ġuspatronat lajkali mwaqqaf min-Nobildonna Margherita dei Conti Manduca fit-testment tagħha tal-5 t’Awissu 1879 fl-atti tan-Nutar Ottone de Domenico. Dan il-ġuspatronat lajkali kien erett kanonikament b’dikriet ta’ l-Ordinarju tas-7 ta’ Frar 1882, u dan id-dikriet kien għamel il-knisja proprjetà ekklesjastika, kif kienet riedet il-fundatriċi.

Billi l-konvenuti ivvantaw jeddijiet ta’ proprjetà fuq il-knisja, kif kien jidher ukoll mill-kawża fl-ismijiet <u>Marianna Spiteri *et versus* Patri Raymond Camilleri *nomine*</u> (ċitazzjoni numru 394/1994) li, fiż-żmien meta nfetħet il-kawża tallum, kienet qiegħda tinstema’ quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili[1], l-attur fetaħ din il-kawża u talab illi din il-qorti tgħid illi l-knisja jew kappella fuq imsemmija hija “proprjetà ekkleżjastika ta’ ġuspatronat lajkali”. Talab ukoll l-ispejjeż.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. illi l-proprjetà tal-knisja jew kappella nkisbet mill-awtur tagħhom b’kuntratt tat-28 ta’ Marzu 1977 fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona;

2. illi l-awtur tagħhom, Carmelo Spiteri, miet fis-6 t’April 1991 u l-wirt tiegħu għadda lilhom bis-saħħa ta’ testment tal-11 t’April 1990 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone;

---

[1] Dik il-kawża kienet inqatgħet b’sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta’ Frar 2003. Kien sar appell li, iżda, ġie dikjarat deżert fit-2 ta’ Mejju 2006.

3. illi kemm il-knisja jew kappella kif ukoll il-ħwejjeġ kollha li jinsabu fiha huma proprjetà tagħhom, billi b'sentenza mogħtija fl-20 ta' Lulju 1984 fil-kawża fl-ismijiet Carmelo Spiteri *versus* Joseph Deguara (ċitazzjoni numru 814/1977) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet laqgħet it-talba ta' l-awtur tagħhom illi l-ħwejjeġ kollha li kienu fil-knisja jew kappella kellhom jintraddu lilu; kien sar appell minn din is-sentenza iżda, wara ftehim, l-appell ġie ċedut fis-26 ta' Ġunju 1991; u

4. l-attur qatt ma kellu l-pussess tal-knisja jew kappella li dwarha saret il-kawża jew tal-ħwejjeġ mobbli tagħha, u l-proprjetà dejjem kienet ta' l-atturi u ta' l-awturi tagħhom.

B'sentenza mogħtija fis-27 ta' Frar 2003 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u ċaħdet it-talbiet ta' l-attur wara li qieset illi l-azzjoni tallum hija waħda revindikatorja, u illi għalhekk kien imiss lill-attur li jagħmel prova li huwa s-sid, u qalet illi:
… … … jirriżulta li n-Nobildonna Margerita dei Conti Manduca fit-testment tagħha tghid is-segwenti:-

commette ai futuri possessori dell'immobile, posto nel Zeitun in Strada Madonna della Pietà, numero cento venti due, ai quali ella intende pure lasciare come lascia il diritto di gius padronato della detta attigua Chiesa di Nosta Signora del Sacro Cuore di Gesù la custodia e manutenzione e cura della stessa Chiesa … … …
illi dan ifisser, anke mill-kliem sempliċi użat fl-istess testment, li kemm il-pussess u l-ġuspatronat tħalla lill-werrieta universali tat-testatriċi indikati fl-istess imsemmi testment tas-27 ta' Frar, 1882 u l-attur *nomine* ma akkwista l-ebda titolu in forza ta' dan it-testment.
… … …
illi din il-qorti ħasbet fit-tul fuq dan il-punt u waslet għall-konklużjoni illi meta n-Nobildonna Margerita dei Conti Manduca istitwiet il-fondazzjoni fl-imsemmi testment, id-dritt *qua dominus* irriservatu lill-eredi tagħha bla ebda riżerva kwalunkwe ħlief għal dak fuq ċitat, mentri l-ġuspatronat irriservatu għall-persuni li jkunu qegħdin jirrisjedu fil-fond antigwu għall-Knisja in kwistjoni. Maż-

żmien, u dan anke skond ix-xewqat tan-Nobildonna Margerita dei Conti Manduca, bdiet tiġi ċelebrata l-Quddies bis-Sagramenti.

Illi … … … jidher ċar li l-proprjetà ta’ l-istess knisja jew kappella kienet dejjem f’idejn l-eredi tat-testatriċi, u dan inkluż il-provvedimenti dwar il-ġuspatronat, u … … … l-istess kappella u dak kollu li kien hemm fiha baqa’ proprjetà ta’ l-istess eredi tat-testatriċi, u anke wara dak iz-zmien kollu … … … l-istess kappella qatt ma kienet fil-pussess ta’ l-istess atturi;  is-sitwazzjoni baqgħet l-istess sallum, bid-differenza li f’dak iz-zmien l-attur *nomine* lanqas biss qatt vanta xi dritt fuq l-istess kappella, kif jidher *invece* li qed jagħmel illum b’din il-kawża.

Illi dan kollu jinsab konfermat bl-imsemmija proċeduri odjerni, u f’dan l-isfond id-dikriet kanoniku tas-7 ta’ Frar 1882 ma biddel xejn minn tali titolu ta’ proprjetà u in verità lanqas seta’ *stante* li tali kappella qatt ma kienet proprjetà ta’ l-istess entitajiet ekkleżjastici, iżda kienet biss tat-testatriċi, tant li hija iddisponiet minnha permezz ta’ l-imsemmi testment tas-27 ta’ Frar 1882, u hija għaddiet bl-istess testment din il-proprjetà lis-successuri fit-titolu tagħha, li qatt ma kien l-attur *nomine,* u li in verità lanqas pussess ta’ l-istess immobbli qatt ma akkwista lanqas fiż-żmien.

Illi għalhekk bl-ebda mod mid-dokumenti prodotti ma jirriżulta b’xi mod li l-attur *nomine* qatt kellu t-titolu ta’ proprjetà fuq l-istess kappella, u l-uniku titolu ta’ proprjetà li jeżisti huwa fil-fatt ta’ l-awtur tal-konvenuti, li akkwista tali proprjetà permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona datat 28 ta’ Marzu 1977 mingħand is-suċċessuri fit-titolu ta’ l-istess testatriċi li t-testment tagħha ġie fuq eżaminat.

L-attur appella minn din is-sentenza b’rikors tas-17 ta’ Marzu 2003.  L-aggravju ewlieni ta’ l-attur appellant essenzjalment huwa illi s-sentenza appellata ma tħarisx ir-regoli dwar il-ġuspatronat fuq knejjes, li huma magħrufa għall-għanijiet tal-liġi ċivili fl-art. 1742 tal-Kodiċi Ċivili.  Ir-rikors ta’ l-appell ikompli jgħid hekk:

*In linea massima* jingħad li r-regola dejjem kienet (anki taħt il-Kodiċi Kanoniku antik ta' l-1917) li meta xi ħadd jibni Knisja biex tiġi adibita għall-kult pubbliku u jagħmel talba biex tiġi aċċettata mill-Isqof Djoċesan bħala Knisja ta' Ġuspatronat, ma' l-aċċettazzjoni tat-talba mill-Isqof, l-istess Knisja bħala fondazzjoni pija ssir persuna ġuridika *ossia* morali kanonika jew ekkleżjastika. L-istess Knisja, kwantu għall-element materjali jew temporali, u dak li tippossjedi, isiru beni ekkleżjastiċi (ara kanoni 1497 § 1 tal-Kodiċi ta' l-1917, u kanoni 1257 tal-Kodiċi Kanoniku tal-1983). Il-proprjetà ta' dawn il-beni hija tal-persuna ġuridika li akkwistathom leġittimament (ara kanoni 1499 § 2 tal-Kodiċi Kanoniku ta' l-1917, u kanoni 1256 tal-Kodiċi ta' l-1983: «*Under the supreme authority of the Roman Pontiff, ownership of goods belongs to that juridical person which has lawfully acquired them*»).

Biss – u dan u ta' l-aħħar importanza fl-istanza odjerna – min ikun bena dik il-Knisja jew Kappella jista' jirriserva għalih u għas-suċċessuri tiegħu d-dritt ta' ġuspatronat lajkali. Skond il-kanoni 1448 tal-Kodiċi Kanoniku ta' l-1917: «*The right of patronage is a body of privileges, accompanied by certain burdens, which through the concession of the Church belongs to Catholic founders of a church, chapel or benefice, or to those whose title derives from the latter*». Il-privileġġi tal-patruni huma stabiliti fil-kanoni 1455 ta' l-istess Kodiċi: fost dawn hemm id-dritt li l-patrun jippreżenta lill-Isqof Djoċesan il-kjeriku biex jiġi nominat Rettur ta' Knisja jew benefiċċju vakanti.

… … …

X'ġara issa fil-każ preżenti? In-Nobildonna Margherita dei Conti Manduca kellha ħafna art fiż-Żejtun li ddeċidiet tiżviluppaha. Fi Triq Our Lady of Mercy, dari Strada Madonna della Pietà, bniet diversi djar fosthom il-fond li llum iġib in-numru 216 (dari 122) li miegħu hemm attigwa Knisja jew Kappella zgħira dedikata lill-Madonna bħala Sultana tal-Qalb Mqaddsa ta' Ġesù li popolarment bdiet tissejjah *Tas-Sinjura*.

L-imsemmija Nobildonna Margherita dei Conti Manduca għamlet it-testment tagħha fil-5 ta' Awissu 1879 fl-atti tan-Nutar Ottone de Domenico u sussegwentement, fis-27 ta' Frar 1882 fl-atti ta' l-istess nutar, ħolqot ġuspatronat lajkali fuq l-imsemmija Kappella u "rabtitu" mal-fond ġà msemmi numru 216 fis-sens li kull min ikun proprjetarju ta' din id-dar ikun ukoll il-patrun (*patronus*) tal-Kappella. Dan ma kellu x'jaqsam xejn mal-proprjetà tal-Kappella li, kif ingħad, bħala post sagru dedikat għall-kult pubbliku, u aċċettata mill-Isqof Djoċesan bħala Knisja ta' Ġuspatronat Lajkali, saret persuna ġuridika kanonika u l-proprjetà tagħha saret proprjetà ekkleżjastika soġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' l-Isqof Djoċesan. Tant hu hekk illi l-istess Nobildonna Margherita dei Conti Manduca fl-imsemmi testment tagħha tas-27 ta' Frar 1882 ħatret ekonomu għal din il-Knisja, b'diversi drittijiet u dmirijiet, u bl-obbligu li jagħti rendikont ta' l-amministrazzjoni tiegħu fil-Kurja Veskovili, u pprovdiet ukoll għan-nomini futuri tas-suċċessuri tiegħu, dejjem iżda bl-approvazzjoni ta' l-Isqof Djoċesan.

… … …
Il-wirt ta' l-imsemmija Nobildonna Margherita dei Conti Manduca baqa' nieżel sa ma wasal għand il-Markiż in-Nobbli Alexander Apap Bologna li miet fit-3 ta' Jannar 1981. Fit-28 ta' Marzu 1977 in atti Nutar Alexander Sciberras Trigona, l-imsemrni Nobbli Alexander Apap Bologna ittrasferixxa lil Carmelo Spiteri l-korp tal-bini ż-Żejtun inkluż il-fond 216 Our Lady of Mercy Street bl-imsemmija Knisja jew Kappella annessa miegħu. Il-konvenuti huma l-*aventi causa* mill-imsemmi Carmelo Spiteri u jibbażaw il-pretensjoni tagħhom (li, *oltre* l-fond 216, akkwistaw anki l-proprjetà tal-Kappella) fuq dan il-kuntratt ta' trasferiment.

Monsinjur Arċisqof jirribatti din il-pretensjoni u jghid li n-Nobbli Alexander Apap Bologna ma kellu ebda dritt jittrasferixxi dak li ma kellux għax hu kien biss patrun mhux proprjetarju tal-kappella li kienet u baqgħet proprjetà ekkleżjastika.

Hu ta’ massima importanza l-fatt li n-Nobildonna Margherita dei Conti Manduca wara li talbet u rċeviet l-aċċettazzjoni kanonika mill-Ordinarju ta’ Malta, mogħtija b’dikriet ta’ Monsinjur Isqof Carmelo Scicluna tas-7 ta’ Frar 1882 (Arkivju Kurja Arċiveskovili Volum *Suppliche* 1882/1), waqqfet fondazzjoni pija fl-imsemmija Kappella u waqt li arredat il-Kappella b’dak kollu li kien meħtieg talbet u otteniet li żżomm għaliha stess u għas-suċċessuri tagħha “d-drittijiet u privileġġi kollha li skond il-liġijiet tal-Knisja jingħataw lill-patruni tal-Knejjes ta’ Ġuspatronat”. Dan hu dak li akkwista l-Markiż Apap Bologna bħala dixxendent leġittimu u *aventi causa* tan-Nobildonna Margherita dei Conti Manduca u mhux *oltre*. Kwindi hu ma setax jittrasferixxi l-proprjetà tal-Knjsja u t-trasferiment li għamel sar *a non domino* u kwindi hu null u mingħajr effett.

Il-konvenuti appellati wieġbu għar-rikors ta’ l-appell fid-9 ta’ April 2003. Fit-tweġiba jgħidu:
Illi l-attur appellant qatt ma kien proprjetarju tal-knisja in kwistjoni imma ġie erett fuqha ġuspatronat lajkali biex b’hekk din il-knisja dejjem kienet u baqgħet proprjetà tal-familja Apap Bologna sakemm effettivament inbigħet lill-antekawża tal-konvenuti Carmelo Spiteri.

Illi tant huwa hekk illi mill-istess testment tan-Nobildonna Margherita dei Conti Manduca din l-istess kappella ma jintweriex li ġiet trasferita lill-attur jew b’xi legat u/jew b’nomina ta’ eredità imma ġiet eretta biss fondazzjoni bħala ġuspatronat lajkali u qatt ma giet trasferita l-proprjetà tal-kappella.

… … …

Illi l-proprjetà in kwistjoni dejjem baqgħet tal-familja Apap Bologna tant li meta huma bigħuha lil Carmelo Spiteri huwa l-istess Spiteri li kien mhux biss jieħu ħsieb din il-knisja fil-kura u fl-amministrazzjoni tagħha imma minn dejjem kellu ċ-ċavetta ta’ l-istess knisja u ħadd mill-attur ma kien jindaħallu x’jagħmel fl-istess knisja u/jew jagħti xi rendikont għall-istess amministrazzjoni tal-knisja. Dan qatt ma sar għax l-attur qatt ma kien proprjetarju. Kieku

kien proprjetarju kien jesiġi li l-amministratur jagħti kont ta' l-eżiti u introjti ta' l-istess knisja u jirregola l-infieq ta' l-istess.

… … …

Illi mhuwiex minnu li kull kappella f'Malta jew *del resto* f'pajjiż ieħor tad-dinja hija proprjetà ekkleżjastika jekk tkun soġġetta għal ġuspatronat lajkali u ma tistax tkun proprjetà privata. Hawn Malta stess hawn ħafna kappelli annessi ma' djar antiki privati li huma proprjetà ta' l-individwu u mhux tal-Knisja. Wieħed biex jara jekk il-knisja tħallietx lill-attur irid jara t-testment tan-Nobildonna Margherita dei Conti Manduca u minn dan it-testment ma jirriżultax li l-knisja tħalliet lill-attur imma lill-eredi ta' l-istess nobildonna li kienu l-familja Apap Bologna.

… … …

Illi kif isostni l-konvenut appellant [*recte*, il-konvenuti appellati], ġaladarba l-eredi tan-Noboildonna Margherita dei Conti Manduca dejjem ippossjedew din il-kappella *animo domini*, din hija proprjetà tagħhom bl-akkwist li għamel l-antekawża minnhom Carmelo Spiteri fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona. Anki kieku mhuwiex minnu, il-konvenuti appellati akkwistaw l-istess mingħand l-antekawża tagħhom b'titolu ta' preskrizzjoni estintiva għax l-antekawża minnhom ilhom fil-pussess ta' din il-kappella *animo domini* għal aktar minn erbgħin sena.

Illi mhux minnu li r-regoli li japplikaw biex wieħed jara jekk hemmx titolu ta' proprjetà huma r-regoli tal-liġi kanonika. Ir-regoli li japplikaw huma dawk tal-liġi ċivili u bl-ebda mod u taħt l-ebda ċirkostanza l-istat Malti ma ċeda d-drittijiet tiegħu favur is-Santa Sede u dan kif jirriżulta bl-iktar mod ampju mill-artikolu 1742 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirriżulta mill-aktar mod ċar illi kwistjonijiet ta' proprjetà huma kwistjonijiet prettament ċivili u ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ċivili.

Il-partijiet komplew għamlu sottomissjonijiet ulterjuri fin-noti ta' osservazzjonijiet tagħhom.

Il-fatti relevanti għal din il-kawża seħħew hekk:

B'rikors imressaq fil-Kurja Veskovili ta' Malta, Margherita dei Conti Manduca wara li fissret illi:
… … … per infervorire la Devozione che ella nutre verso la Santissima Vergine ed a maggior Gloria di Dio ella ha di recente eretto un piccolo tempio col titolo di Nostra Signora del Sacro Cuore di Gesù in un sito a lei spettante contiguo alla sua abitazione in Zeitun in Strada Madonna della Pietà, fornendolo dei necessari arredi, utensili, supellettili, abiti sagri e paramenti, la quale Chiesa ella intende dotare mediante l'assegnazione di una lira u cinque scellini l'anno, al quale peso ella intende assoggettare i futuri possessori del detto luogo di case Strada Madonna della Pietà al numero 122 colla ipoteca dello stesso ed attiguo giardino.

Espone ancora che attesa l'assegnazione del proprio fondo per la fabbrica e la spesa dell'edificio sacro, la dotazione e l'ipoteca su indicata, ella intende riservare per se e i suoi il perpetuo gius padronato sulla detta Chiesa, come di consueto suole accordarsi a favore di simili pie fondazioni.

kienet talbet illi l-Isqof:
… … … si degni accordarle l'opportuna abilitazione, con passare alla voluta dotazione ed accordati tutti e singoli diritti e privilegi che canonicamente competono ai padroni delle Chiese di gius padronato a norma delle leggi di Santa Chiesa.

It-talba ntlaqgħet b'dikriet tas-7 ta' Frar 1882.

Imbagħad, b'testment tas-27 ta' Frar 1882 l-istess Margherita dei Conti Manduca iddisponiet hekk:
… … … commette ai futuri possessori dell'immobile, posto nel Zeitun in Strada Madonna della Pietà, numero cento venti due, ai quali ella intende pure lasciare come lascia il diritto di gius padronato della detta attigua Chiesa di Nosta Signora del Sacro Cuore di Gesù, la custodia e

manutenzione e cura della stessa Chiesa e la conservazione dei menzionati oggetti ed arredi … … …

Il-wirt ta' Margherita dei Conti Manduca baqa' nieżel sa ma wasal għand Alexander Apap Bologna u oħrajn. Dawn, b'kuntratt tat-28 ta' Marzu 1977 fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona, bigħu lil Carmelo Spiteri, awtur tal-konvenuti, "dar bi knisja u ġnien annessa magħha numru mitejn u sittax [li qabel kien 122] Our Lady of Mercy Street, [iż-Żejtun], kollox *tale quale* bid-drittijiet u obbligi u pertinenzi tagħhom kollha".

Il-kwistjoni quddiem il-qorti hija jekk il-proprjetà tal-knisja baqgħetx ta' Margherita dei Conti Manduca u tas-suċċessuri tagħha, sabiex dawn setgħu, bil-kuntratt tat-28 ta' Marzu 1977, validament igħaddu l-proprjetà lill-awturi tal-konvenuti – kif qegħdin igħidu l-konvenuti – jew jekk il-proprjetà għaddietx lil fondazzjoni ekkleżjastika – kif igħid l-attur – u Margherita dei Conti Manduca żammet għaliha u għas-suċċessuri tagħha l-jedd biss ta' ġuspatronat lajkali, b'mod illi s-suċċessuri tagħha setgħu jgħaddu lill-awtur tal-konvenuti dak il-jedd biss billi *nemo dat quod non habet*.
Il-jedd ta' ġuspatronat lajkali huwa jedd magħżul mill-proprjetà u mhux bilfors marbut magħha. Il-fakultajiet miġbura fil-ġuspatronat lajkali kienu mfissra hekk fil-kanoni 1448[2] tal-Kodiċi Kanoniku ta' l-1917:
Can. 1448. Ius patronatus est summa privilegiorum, cum quibusdam oneribus, quæ ex Ecciesiæ concessione competunt fundatoribus catholicis ecclesiæ, cappellæ aut beneficii, vel etiam eis qui ab illis causam habent.

Li rridu naraw għalhekk hu jekk b'dak li ġara fl-1882 il-proprjetà għaddietx lil fondazzjoni ekkleżjastika, bil-ġuspatronat lajkali miżmum favur Margherita dei Conti Manduca, jew baqgħetx ta' l-istess Margherita dei Conti Manduca flimkien mal-ġuspatronat lajkali.
L-attur qiegħed igħid illi l-materja hija regolata bid-Dritt Kanoniku, bis-saħħa ta' dak li jgħid u jrid l-art. 1742 tal-Kodiċi Ċivili:

[2] *Codex Iuris Canonici (1917), Liber Tertius, Pars Quinta, Titulus XXV, Caput IV.*

**1742.** Bla ħsara ta' kull liġi oħra speċjali f'Malta, il-benefizzji ekklesjastiċi, jew il-kappellaniji ekklesjastiċi perpetwi, jew il-patrimonji sagri jew sussidji patrimonjali perpetwi għandhom, sew għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-eżerċizzju, it-tgawdija, it-tmiem jew it-telf tal-ġuspatrunat, attiv jew passiv, kif ukoll għal dak li għandu x'jaqsam mal-kwalifiki u l-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex jistgħu jikkostitwixxu titolu ta' ordinazzjoni jew sabiex jista' jsir użu minnhom għaldaqshekk, huma regolati mil-liġi kanonika li issa jew minn żmien għal żmien tkun isseħħ f'Malta:

Iżda, xejn f'dan l-artikolu ma jista' jkun ta' ħsara għal ebda jedd li jmiss lill-Gvern u li hu mill-Gvern eżerċitat dwar benefizzji, kappellaniji, patrimonji sagri jew sussidji patrimonjali.

Dak l-artikolu, iżda, kien miżjud bl-Att V ta' l-1920, u ma kienx parti mill-Ordinanza VII ta' l-1868 li, fiż-żmien relevanti, kienet il-liġi li tirregola l-jeddijiet fuq il-beni u kif dawk il-jeddijiet setgħu jinkisbu jew jiġu aljenati.

Dan ma jfissirx illi d-dritt kanoniku ma kellu ebda seħħ f'Malta qabel ma ddaħħal l-art. 1742 fil-Kodiċi Ċivili. Fil-fatt, wara li, bil-Proklama numru V ta' l-10 t'April 1828[3], kienet soppressa l-ġurisdizzjoni temporali tal-Qrati Ekkleżjastiċi għal għanijiet ċivili, u dik il-ġurisdizzjoni għalhekk għaddiet lill-qrati ċivili, din il-qorti f'sentenza mogħtija fl-4 ta' Marzu 1892 *in re* Fortunata Fleri *versus* Carmelo Cassar *nomine*[4] kienet qalet illi:
… … … col citato Proclama [del 10 Aprile 1828], la giurisdizione contenziosa di quella Curia [Vescovile] fu ristretta alla cognizione di cause meramente spirituali; e le liti, pertanto, relative ai legati … … … come a benefici ecclesiastici, passarono alle Corti di Giustizia di Sua Maestà la Regina;

Che queste Corti, però, subentrando alla Curia Vescovile, sono tenute nell'amministrazione della giustizia di applicare le Leggi Canoniche nello stesso modo come lo

---

3 Il-Liġi dwar il-Kostituzzjoni u Ġurisdizzjoni tal-Qrati Ekklesjastiċi [Kap. 1].

4 Vol. XIII.130

era quella Curia, non essendo, nè con quel Proclama nè con altre disposizioni legislative, stato fatto alcun cambiamento rispetto a quelle leggi o alla loro applicazione.

Din il-qorti mbagħad, f'sentenza mogħtija fl-4 t'April 1892 *in re* Rosina Wilson *versus* Rocco Peralta *et*[5], wara li fissret illi legati piji huma regolati bil-liġijiet kanoniċi, kompliet tfisser kif jingħarfu l-legati piji:
Che la questione se un legato sia un legato pio, e come tale soggetto a certe disposizioni della Santa Sede ai termini del Diritto Canonico, dipende dallo scopo che il testatore abbia avuto in vista: è legato pio se lo scopo del disponente era chiaramente il culto Divino, o la salute dell'anima, e non lo è se lo scopo era di natura profana.

Fil-każ tallum il-ħsieb li kellha f'moħħha Margherita dei Conti Manduca, kif jixhed ir-rikors minnha mressaq fil-Kurja Veskovili, kien "*per infervorire la Devozione che ella nutre verso la Santissima Vergine ed a maggior Gloria di Dio*", u għalhekk ma jistax ikun hemm dubju illi d-dispożizzjoni li għamlet kienet waħda pija u regolata mil-liġijiet kanoniċi.
L-attur igħid illi meta l-Isqof laqa' t-talba ta' Margherita dei Conti Manduca għat-twaqqif tal-ġuspatronat, il-knisja saret fondazzjoni pija, li hija persuna ġuridika bis-setgħa li jkollha beni.
Dwar il-fondazzjonijiet piji, il-kanoni 1544[6] tal-Kodiċi Kanoniku ta' l-1917 kien igħid hekk:
Can. 1544. par. 1. Nomine piarum fundationum significantur bona temporalia alicui personæ morali in Ecclesia quoquo modo data, cum onere in perpetuum vel in diuturnum tempus ex reditibus annuis aliquas Missas celebrandi, vel alias præfinitas functiones ecclesiasticas explendi, aut nonnulla pietatis et caritatis opera peragendi.
par. 2. Fundatio, legitime acceptata, naturam induit contractus synallagmatici: do ut facias.

---

5 Vol. XIII.173.

6 *Codex Iuris Canonici (1917), Liber Tertius, Pars Sexta, Titulus XXX*.

Iżda Margherita dei Conti Manduca kellha l-ħsieb illi twaqqaf fundazzjoni sabiex din tikseb il-proprjetà tal-knisja?
Rajna li fir-rikors tagħha Margherita kienet qalet illi:
… … … ella intende dotare [la chiesa] mediante l'assegnazione di una lira u cinque scellini l'anno, al quale peso ella intende assoggettare i futuri possessori del detto luogo di case Strada Madonna della Pietà al numero 122 colla ipoteca dello stesso ed attiguo giardino.

Espone ancora che attesa l'assegnazione del proprio fondo per la fabbrica e la spesa dell'edificio sacro, la dotazione e l'ipoteca su indicata, ella intende riservare per se e i suoi il perpetuo gius padronato sulla detta Chiesa, come di consueto suole accordarsi a favore di simili pie fondazioni.

Fit-testment tagħha mbagħad ħatret bħala patruni tal-ġuspatronat lill-werrieta tagħha bħala pussessuri tal-fond numru 122, illum 216, Triq il-Madonna tal-Ħniena, iż-Żejtun.

Issa, billi *nemini res sua servit*, il-fundatriċi ma setax kellha l-ħsieb li toħloq ipoteka fuq proprjetà tal-werrieta tagħha favur il-werrieta tagħha stess; il-kreditur ta' l-ipoteka kellha bil-fors tkun persuna oħra li, fiċ-ċirkostanzi, setgħet tkun biss il-fondazzjoni msemmija espressament fit-tieni paragrafu miġjub fuq tar-rikors. U billi fondazzjoni biex tikseb il-personalità kellha jkollha *bona temporalia*, il-ħsieb tal-fundatriċi ma setax ma jkunx illi l-fondazzjoni jkollha l-proprjetà tal-knisja, b'dan illi żammet favur tagħha u favur is-suċċessuri tagħha l-ġuspatronat li, kif rajna, ma huwiex jedd marbut mal-proprjetà. Relevanti wkoll illi l-fondatriċi espressament żammet favuriha u favur is-suċċessuri tagħha l-ġuspatronat biss, u mhux il-proprjetà. Billi mbagħad it-twaqqif ta' fondazzjoni għandu min-natura ta' kuntratt tat-tip *do ut facias*, iġib miegħu l-mogħdija tal-proprjetà lill-fondazzjoni – *do* – sabiex l-awtorità ekkleżjastika tapprova l-ġuspatronat – *ut facias*.

Tkompli ssaħħaħ u mhux iddgħajjef – kif jippretendu l-konvenuti appellati – din il-konklużjoni s-silta miġjuba fin-

nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti stess fejn jingħad illi fil-Konċilju ta' Trentu ġie dikjarat illi:

… … [il] padronato potesse acquistarsi solo con una fondazione e non *ex gratia*. Il diritto di padronato non comporta quindi per sè la proprietà della chiesa o cappella; anzi di regola si distingue dal diritto di proprietà dell'edificio sagro che, secondo l'ordinamento canonico, compete all'ente ecclesiastico proprietario.[7]

Il-konsegwenza ta' dan kollu hi illi l-werrieta tal-fundatriċi ma kellhomx il-proprjetà tal-knisja u għalhekk – billi *nemo dat quod non habet* – ma setgħux għaddew il-proprjetà lill-awturi tal-konvenuti.

Lanqas ma jista' jingħad illi l-werrieta tal-fundatriċi kisbu l-proprjetà bl-użukapjoni. Huma ma kinux qegħdin iżommu l-knisja *uti domini*, b'titolu ta' proprjetà, iżda b'titolu ta' ġuspatronat li jġorr miegħu *causa detentionis*. La setgħu jiksbu l-proprjetà b'użukapjoni, kif igħid l-art. 2118 tal-Kodiċi Ċivili:

**2118.** Dawk li jżommu l-ħaġa f'isem ħaddieħor jew il-werrieta tagħhom, ma jistgħux jippreskrivu favur tagħhom infishom: bħal ma huma l-kerrejja, id-depożitarji, l-użufruttwarji, u, ġeneralment, dawk li ma jżommux il-ħaġa bħala tagħhom infishom.

u lanqas bidlu t-titolu li bih kienu qegħdin iżommu l-knisja, kif setgħu jagħmlu biss bil-mod imfisser fl-art. 2119:

**2119.** Iżda, il-persuni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan jistgħu jippreskrivu jekk it-titolu tagħhom jitbiddel minħabba raġuni li tkun ġejja minn terza persuna, jew bis-saħħa ta' l-oppożizzjoni li huma jagħmlu għall-jedd tas-sid.

u għalhekk baqgħu dejjem iżommu b'titolu ta' detenzjoni, kif igħid l-art. 2121(1):

**2121.** (1) Ħadd ma jista' jippreskrivi kontra t-titolu tiegħu nnifsu fis-sens li ħadd ma jista' jbiddel għalih innifsu r-raġuni li għaliha jkun iżomm il-ħaġa.

[7] *Fol*. 268.

Carmelo Spiteri, awtur tal-konvenuti, kiseb il-pussess, u għalhekk seta' jibda jikseb bi preskrizzjoni, bis-saħħa ta' l-art. 2120 tal-Kodiċi Ċivili:

**2120.** Kull persuna li lilha l-kerrej, id-depożitarju jew sempliċi detentur ieħor jittrasferixxi l-ħaġa b'titolu li jista' jittrasferixxi l-proprjetà, tista' tippreskrivi.

iżda l-pussess tiegħu beda fit-28 ta' Marzu 1977, anqas miż-żmien ta' erbgħin sena li jrid l-art. 2144 qabel ma nfetħet il-kawża.

Għalhekk l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, mressqa fit-tweġiba ta' l-appell, hija miċħuda.

Għal dawn ir-raġunijiet, jixraq illi l-appell jintlaqa', u s-sentenza appellata titħassar.

Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell billi tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad ukoll l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' erbgħin sena mressqa fit-tweġiba ta' l-appell, u tilqa' t-talbiet ta' l-attur billi tgħid illi l-Knisja jew Kappella dedikata lis-Sinjura Sultana tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, magħrufa bħala *Tas-Sinjura*, li qiegħda fi Triq il-Madonna tal-Ħniena, iż-Żejtun, hija fondazzjoni ta' proprjetà ekkleżjastika.
L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom iħallsuhom il-konvenuti appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------